**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April 2016

Rikors Guramentat numru : 463/2015 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikrorenti, li permezz tieghu ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewwgu fit-3 ta' Awwissu 1991 fil-Knisja Parrokkjali ta' Marsaxlokk, kif jidher fl-att ta' zwieg hawn anness u market Dokument "A";

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, R, u N, li ghajr ghal N li ghandha 16-il sena, llum huma maggorenni u huma indipendenti.

Illi snin ilu z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

Illi inoltre l-kontendenti sseparaw legalment in forza ta' kuntatt tal-21 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Grech (Hawn anness u markat Dokument "B").

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-intimat iddekada minn kull dritt li jircievi manteniment minghand l-esponenti, liema dekadenza l-kontedenti ddikjaraw illi hija irrevokabbli.

Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjiethom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw.

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-kontendenti a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li in forza taghha ikkonferma :

Illi huwa jopponi ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti stante li ma jezistux l-estremi li trid il-ligi sabiex tigi akkolta t-talba attrici.

Illi l-esponenti huwa legalment separat minn ma martu r-rikorrenti A B permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Sandra Grech tal-21 ta' Jannar 2010.

Illi in segwitu ghall-istess kuntratt it-tfal tal-partijiet marru jghixu kollha mal-missier u llum Roxanne u N ghadhom jghixu mieghu. Illi Rosanne ghandha 24 sena u tahdem filwaqt li l-minuri N ghandha 16-il sena u ghadha tistudja.

Illi r-rikorrenti mhux qed thallas ebda manteniment ghall-minuri N, lill-esponenti kif inhi obbligata taghmel u dwar dan l-esponenti gja pprezenta l-medjazzjoni opportuna u billi ma ntlahaqx ftehim, ser jipprocedi bil-kawza idoneja quddiem il-Qorti kontenzjuza fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li qed jopponi ghat-talba attrici, jirrileva li l-istess talbiet ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi l-eccezzjoni illi ta l-intimat li r-rikorrenti mhix qed thallas manteniment ghall-minuri N u illi huwa ipprezenta proceduri ta' medjazzjoni f'dan is-sens, ma jaffettwaw bl-ebda mod dawn il-proceduri peress illi sallum il-gurnata, huwa il-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat u ippublikat bejn il-partijiet u datat 21 ta' Jannar 2010 illi jorbot, u illi ai termini ta' dak il-kuntratt, ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi din l-eccezzjoni tal-intimat C B;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Jannar 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment kif diga intqal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.